# Santa Venera f'reġistru tal-kontijiet għall-proġett ġewwa l-Palazz tal-Inkwiżitur fis-seklu 18

**Kenneth Cassar MA**




*L-Inkwiżitur Francesco Stoppani.*

Ftit huma dawk li waqt li jkunu għaddejjin minn Santa Venera taħbat ma rashom li fi żmien l-Ordni tal-Kavalieri ta' San Ġwann, f'dan il-lokal kien hemm barrieri li offrew ġebel għal diversi binjiet. Illum fadal biss xi ismijiet ta' toroq li jfakkruna f'dan fosthom Triq Misraħ il-Barrieri, Triq il-Franka, Triq is-Soll u Triq iż-Żonqor; biss Santa Venera provdiet ġebel għal binjiet importanti bħal Palazz tal-Inkwiżitur fil-Birgu waqt proġett maġġuri li sar fiż-żmien l-Inkwiżitur Francesco Stoppani bejn l-1733 u l-1734.

## Binja affaxxinanti

Il-Palazz tal-Inkwiżitur hu binja mill-aktar affaxxinanti li matul il-224 sena, bejn l-1574 u l-1798, li ntużat mill-Inkwiżituri f'pajjiżna, ma kinitx biss residenza għall-inkwiżitur (li f'Malta serva wkoll bħala delegat appostoliku), iżda binja sofistikata mgħammra b'ċertu lussu sabiex tirrifletti l-poter u l-għarfien artistiku u kulturali tal-inkwiżituri. Fis-sekli 17 u 18, dan il-palazz kien ċentru ta' poter importanti daqs il-Palazz tal-



*Il-pjanta ta' Carapecchia tal-proġett tal-1733-34, Archivio per la Congregazione della Dottrina della Fede, Vatikan.*

Isqof u l-Palazz tal-Gran Mastru. Mal-ispazji domestiċi u l-ġnien, u dawk sofistikati tal-*piano nobile* li kienu jaqdu l-bżonnijiet tal-inkwiżitur, insibu spazji oħra marbuta mal-amministrazzjoni tal-qorti tal-inkwiżizzjoni bħall-kamra tat-tribunal, il-kamra tat-tortura u l-kumpless tal-ħabs. Għalkemm għadu għaddej ħafna xogħol ta' restawr u interpretazzjoni, dan kollu jista' jiġi apprezzat llum meta nżuru l-Palazz tal-Inkwiżitur fil-Birgu, li sa issa għadu l-uniku palazz tal-inkwiżizzjoni miftuħ għall-pubbliku fid-dinja. B'xorti tajba ħafna mill-arkivji tal-inkwiżizzijoni baqgħu intatti u llum jinsabu fl-Arkivji tal-Katridal tal-Imdina u f'dawk tal-*Congregazione per la Dottrina della Fede* ġewwa l-Vatikan. Grazzi għal dawn nistgħu nifhmu u napprezzaw aħjar dak kollu li kien jiġri ġewwa l-ħitan ta' dan il-palazz.

Il-Palazz tal-Inkwiżitur ma nbeniex f'daqqa u fil-bidu ma kienx maħsub li jservi bħala l-palazz tal-inkwiżizzjoni. L-eqdem partijiet tiegħu nbnew mill-Kavalieri tal-Ordni ta' San Ġwann mal-wasla tagħhom fl-1530. Kien fis-snin ta' wara li beda jieħu s-sura ta' *palazzo romano* tal-epoka barrokka. Bosta kienu l-inkwiżituri li kabbru u għamlu bidliet importanti fil-binja, fost dawn insibu lill-Inkwiżituri Fabio Chigi (1634-1639), Gio. Battista Gori Pannellini (1639-1645), Gerolamo Casanate (1658-1663), Tommaso Ruffo (1694-1698), Giacinto Ferrero di Messerano (1698-1703), u Francesco Stoppani (1731-1735).[1] Bejn l-1733 u l-1734, l-Inkwiżitur Stoppani wettaq l-aħħar proġett estensiv li sewa 5,243 skud u li permezz tiegħu l-Palazz ħa s-sura u t-tqassim preżenti. Kien waqt dan il-proġett li ser niddiskutu f'dan l-artiklu, li ntuża ġebel minn Santa Venera.

L-arkittett responsabbli minn dan il-proġett kien ħadd ħlief Romano Carapecchia, ġenju tal-arkitettura Barrokka u mustaċċun fl-inġinerija tal-provvista tal-ilma, li studja taħt l-arkitett ċelebri Carlo Fontana. Fl-1706, Carapecchia ġie mlaħħaq *Architetto della Sacra Religione e Fontaniere*, sabiex serva bħala l-arkitett tal-Ordni għal 31 sena sa ma miet fl-1738.[2] Jibqa' msemmi għal mod kif bil-binjiet tiegħu rnexxielu jlibbes l-arkitettura Maltija tas-seklu 18 bl-istess eleganza Barokka tal-arkitettura Ewropea. Fost ix-xogħlijiet tiegħu nsibu ħafna mill-bibien tas-swar tal-Kottonera, fosthom il-bieb monumentali ta' *Notre Dame*, magħruf bħala Bieb is-Sultan (1707-1715). Irnexxielu jonfoħ spirtu ta' sofistikazzjoni fil-Belt, tant li ħalla warajh patrimonju ta' binjiet Barokki fosthom il-knisja ta' San Ġakbu (1710), il-faċċata u l-portiku tal-knisja ta' Santa Katerina tal-Italja (1713), il-knisja u l-kunvent ta' Santa Katerina, il-faċċata tal-knisja tal-Madonna tal-Pilar (1718), is-sagristija tal-knisja kolleġġjali ta' San Pawl Nawfragu (1718), il-Palazz Muniċipali (1720), it-Teatru Manoel (1731) u l-knisja ta' Santa Barbara (1739). Dan kollu jindika li meta ġie biex jikkummissjona dan il-proġett l-Inkwiżitur Stoppani fittex l-aqwa talent li kellna fuq il-gżejjer Maltin. Fid-19 t'April tal-1734 Stoppani ħallas 24 *zecchini magistrali* ekwivalenti għal 102 skudi lil Carapecchia *per aver fatto il disegno della scala, ed assistito diverse volte nell'esequtione del suo disegno*,[3] u m'għandix dubju li berikomlu hekk kif ra l-bravura li biha ttrasforma l-Palazz tal-Inkwiżitur b'palazz Ruman tal-epoka barokka.

## Jintuża ġebel minn Santa Venera

Għall-bidu l-Inkwiżitur Stoppani kellu f'moħħu li jirranġa u jarreda s-swali tal-*piano nobile* bi travi tal-injam impurtati minn Venezja. Ġara li waqt li kienu qegħdin isiru x-xogħlijiet, sfrondaw xi ħitan bil-maltemp, tant li l-Inkwiżitur kellu għal sitt xhur isib residenza temporanja alternattiva.[4] Kien hawn li Stoppani ddeċieda li jħalli f'idejn Carapecchia għal dan il-proġett ambizzjuż li kien jinkludi l-bini ta' entrata dekoruża, taraġ ċerimonjali eleganti fil-qalba tal-palazz u l-kmamar ta' madwaru, il-*Bibliotheca*, taraġ sekondarju li jwasslek għas-sular ta' fuq, parti mill-kumpless tal-ħabs, tkabbir tal-ispazji okkupati minn dawk li kienu jaħdmu fil-palazz (magħrufa bħala l-*Famiglia*), ristrutturar tal-ġnien b'passaġġ li jgħaqqad l-appartamenti tal-inkwiżitur mal-appartamenti tal-*Uditore* fuq in-naħa l-oħra tal-palazz. Il-proġett kien jinvolvi wkoll titjib fis-sistema tad-dranaġġ u x'aktarx tisbieħ tal-kappella fil-*piano nobile*.[5] Dan il-proġett li sewa 5,243 skud, huwa l-akbar proġett li sar fl-istorja tal-Palazz tal-Inkwiżitur. B'xorti tajba nafu d-Dettallji kollha ġurnata b'ġurnata, tan-nies li ħadmu, il-materjali li ntużaw u l-ħlasijiet li saru. Dan grazzi għar-rendikont metikoluż tal-prokuratur Baldassare Ciantar li ħa ħsieb jikkompila reġistru ta' spejjeż, illum fl-Arkivji tal-Katridral tal-Imdina bl-isem ta' *Libro delli pagamenti fatti dal Procuratore del Sant' Offizio alli lavoratori che hanno lavorato nel Palazzo Apostolico del Sant' Offizio di Malta per il risarcimento dei soffitti fatti nuovi nella Cancelleria, Sala dei Staffieri, ed Anticamera, nuova loggia, nuova fabrica, ed altro bisognevole dal di 24 Luglio 1733, sin oggi di 16 Luglio 1734.*[6] Huwa permezz ta' dan ir-reġistru li nafu li waqt dan il-proġett intuża ġebel minn Santa Venera.



***Il-passaġġ li jgħaqqad l-appartament tal-inkwiżitur ma' dak tal-uditore***

Kenneth Gambin kien l-ewwel persuna li studja u ppublika tagħrif dwar dan ir-reġistru, u n-numri li jippreżentalna huma tassew impressjonanti. Waqt dan il-proġett, li dam għaddej mill-24 ta' Lulju 1733 sal-24 ta' Lulju 1734, ħadmu 150 ħaddiem li kienu jikkonsistu fi 17-il mastrudaxxa, 15-il ballat, 88 manwal u ħaddiema, 6 skjavi, 2 pitturi, 5 bennejja, 7 bajjada, ħaddied, gwardjan, 4 skulturi, tal-ħġieġ, ħajjat u 17-il mgħallem. Ma' dawn isemmi wkoll kwantitajiet impressjonanti ta' materjal, fosthom

153 modd ta' ġir u 6, 223 vjaġġ ta' ġebel fuq karrettun – dawn ma jinkludux il-ġebel maħdum bħal xorok, mensli, ċavi, knaten, turġien u materjal ieħor bħal torba, ramel, u deffun.[7] Ħarsa aktar mill-qrib lejn dan ir-reġistru stabilixxiet ukoll min kienu l-artisti u l-imgħallma li ħadmu fuq dan il-proġett. Fost dawn insibu lil Girolamo, u ibnu Carlo Fabri flimkien ma' Gaetano u Paolo Fabri mill-familja rinomata ta' Fabri, skalpellini magħrufa għax-xogħol ta' lavur f'diversi prospettivi ta' altari tas-seklu 18.[8] Ix-xogħol kollu tal-injam li kien jinkludi is-soqfa, aperturi u l-għamara kien fdat lill-imgħallem Giuseppe Azzopardo. Dan tal-aħħar ikkummissjona lil diversi mgħallmin oħra fosthom lil Pietro Felici li tħallas 5 skudi u 3 *tarì* għal 18-il ġurnata xogħol. Felici hu magħruf għal diversi statwi fosthom dik tal-ġebel ta' San Nikola fil-pjazza tas-Siġġiewi li saret fl-1732, u dawk proċessjonali ta' San Nikola tas-Siġġiewi (1736), il-Madonna tar-Rużarju ta' Ħaż-Żebbuġ (1740) u San Ġorġ ta' Ħal Qormi (1741).[9] Ta' interess ukoll il-fatt li l-imgħallem Azzopardo ħallas liż-żagħżugħ Andrea Imbroll ta' 106 ġurnata xogħol. Jista' jagħti l-każ li Imbroll kien qiegħed jagħmel perijodu ta' apprentistat ma' Azzopardo, qabel ma' stabilixxa ruħu u mar jistudja Ruma. Imbroll jibqa' mfakkar għall-istatwi proċessjonali ta' Santa Katerina taż-Żejtun (1758) u l-Madonna tal-Karmnu ġewwa l-Imdina (1761).[10] Nafu wkoll li l-pittur Giovanni Carbonaro ġie kkummissjonat biex jagħmel ħafna mill-affreski fil-*piano nobile*, filwaqt li f'Mejju tal-1734 artist bl-isem ta' Giovanni Antonio tħallas talli penġa l-istemma tal-inkwiżizzjoni mas-saqaf tat-taraġ prinċipali.[11]



*It-taraġ prinċipali (ritratt Pierre Balzia).*

Fl-imsemmi reġistru naraw li Santa Venera tissemma 12-il darba bejn Settembru tal-1733 u April tal-1734 sabiex tissupplixxi ġebel maħdum u materjal għal dan il-proġett fil-Palazz tal-Inkwiżitur. Fit-tabella t'hawn isfel qiegħed nirriproduċi l-ħlasijiet kollha marbuta ma' materjal mixtri minn Santa Venera. Fiha għandkom taraw id-dati meta saru l-ħlasijiet, deskrizzjoni tal-materjal li nxtara u l-ammonti li tħallsu. Fost il-ġebel li nxtara nsibu xorok, vażi,

| Foglio | Data | **Deskrizzjoni** | Ħlas fi skudi |
|---|---|---|---|
| [f.356] | 12 Settembre 1733 | Per 16 capitelli di Santa Venera a tari 25 l'uno per il tetto della scala del secreto | 3._._ |
| [f.357] | 7 Ottobre 1733 | Per 126 cariche di vasi straordinari di S. Venera a' tari 1.10. il carico | 15.9._ |
| [f.358] | 27 Ottobre 1733 | Per 19 pietre di S. Venera per l'arme, e fornimenti | 4.7._ |
| [f.358v] | 27 Ottobre 1733 | Per 156 cavalli di vasi straordinari, e pietre dei cantoni di S. Venera a' tari 1.10 il caricho | 19.6._ |
| [f.359v] | 21 Novembre 1733 | Per 48 scaline di palmi 5 ½ di Santa Venera a' tari 2.5 l'una | 9._._ |
| [f.359v] | 21 Novembre 1733 | Per 144 vasi, e pietre del cantone di Santa Venera a' tari 1.10 l'una | 18._._ |
| [f.361v] | 2 Gennaro 1734 | Otto pietre di Santa Venera per dadi, ed altro a' tari 3 l'una | 2._._ |
| [f.362] | 9 Gennaro 1734 | Per 60 cariche di cavalla di Santa Venera a' tari 1.5 il carico | 6.3_ |
| [f.363] | 23 Gennaro 1734 | Per 50 cariche di cavalli di cantoni di Santa Venera a' tari 1.5 | 5.2.10 |
| [f.363v] | 30 Gennaro 1734 | Per 110 cariche di cantoni, e vasi di Santa Venera, a' tari 1.5 il carico | 11.5.10 |
| [f.366] | 6 Marzo 1734 | Per 30 balate, e capitelli di Santa Venera, a' tari 2.10 | 6.3._ |
| [f.371] | 24 Aprile 1734 | Per 69 capitelli di Santa Venera posti su' l muro del giardino per il nuovo passetto fatto dall' appartamento di Monsignore verso le stanze del Signore Uditore, ed in altri lochi, a' tari 1.10 l'uno | 8.7.10 |

mal-160 vjaġġ ġebel tal-kantun u turġien fost affarijiet oħra. Ta' interess partikolaru hu l-fatt li fis-27 t'Ottubru minn Santa Venera nxtraw 19-il ġebla sabiex minnhom Girolamo u Carlo Fabri jiskolpixxu l-armi tal-Papiet Klement XII, Innoċenz XII u Alessandru VII, li tpoġġew fuq il-bieb li mit-taraġ prinċipali jeħduk għall-*piano nobile*. Dan ix-xogħol ta' lavur m'għadux hemm, biss jissemma fir-reġistru tal-ħlasijiet u jidher fil-pjanta ta' Carapecchia li tinsab fl-*Archivio della Congregazione per la Dottrina della Fede*.[12] Referenza oħra li tispikka hija l-ħlas li sar fl-24 t'April tal-1734 għal 69 xriek li ntużaw għal passaġġ li sar fil-ġnien biex jgħaqqad

l-appartament tal-Inkwiżitur ma' dak tal-*Uditore*, passaġġ li għadu hemm sa llum.

Dan ir-reġistru ta' kontijiet huwa importanti ħafna mhux biss għax jagħtina stampa mill-aktar Dettalljata ta' dan il-proġett ġewwa l-Palazz tal-Inkwiżitur, imma wkoll għaliex jgħinna nifhmu kif kienu jaħdmu u jmexxu proġetti ta' bini fis-seklu 18. Grazzi għal dan id-dokument nafu x'materjali kienu jintużaw, u f'kemm kwantitajiet, u x'nies tas-sengħa u ħaddiema kienu essenzjali. Għandna quddiemna stampa ċara tal-immaniġġjar ta' proġett importanti tas-seklu 18. Fost il-ħafna Dettallji ta' interess, għandna quddiemna eżempju konkret tal-attività fil-barrieri u x-xogħol fil-ġebel li għalih Santa Venera kienet imsemmija.

**Bibljografija**


Archives of the Inquisition Malta (AIM), Mem.5

Cassar Kenneth (ed.), *The Inquisitor's Palace: an architectural gem spanning centuries and styles*, Heritage Malta, 2013

Cassar Kenneth, 'Taste and Lustre: the artistic significance of the Inquisitor's Palace', in, Kenneth Cassar (ed.) *The Inquisitor's Palace: an architectural gem spanning centuries and styles*, Heritage Malta, 2013

De Lucca Denis, *Carapecchia Master of baroque architecture in early eighteenth century Malta*, Midsea Books, 1999

Ellul Michael, *Maltese-English Dictionary of Architecture and Building in Malta: With biographical notes on Maltese and foreign architects who worked in Malta*, Midsea Books, 2009

Gambin Kenneth, 'Carapecchia's intervention at the Inquisitor's Palace 1733-34', in *Malta Archaeological Review*, No.4, 2000, Malta, 2000

Gambin Kenneth, *The Inquisitor's Palace, Vittoriosa*, Malta, 2003

Hughes Quentin and Thake Conrad, Malta the Baroque Island, Malta, 2003

Mahoney Leonard, *5000 Years of Architecture in Malta*, Malta, 1996


**Referenzi**

[1] Kenneth Cassar (ed.), *The Inquisitor's Palace: an architectural gem spanning centuries and styles*, Heritage Malta, 2013; Kenneth Gambin, *The Inquisitor's Palace, Vittoriosa*, Malta, 2003, pp. 13-24.

[2] Fuq Romano Carapecchia ara: Leonard Mahoney, *5000 Years of Architecture in Malta*, Malta, 1996, pp. 311-312; Denis De Lucca, *Carapecchia Master of baroque architecture in early eighteenth century Malta*, Midsea Books, 1999; Q. Hughes and C. Thake, 2003, pp. 113-117, 143-148, 162, 168, 176; Michael Ellul, *Maltese-English Dictionary of Architecture and Building in Malta: With biographical notes on Maltese and foreign architects who worked in Malta*, Midsea Books, 2009.

[3] AIM, Mem.5, f. 370v.

[4] Kenneth Gambin, 'Carapecchia's intervention at the Inquisitor's Palace 1733-34', in *Malta Archaeological Review*, No.4, 2000, Malta, 2000, pp. 34-35.

[5] K. Gambin, 2000, p. 35.

[6] AIM, Mem.5, ff. 352-382v.

[7] K. Gambin, 2000.

[8] Kenneth Cassar, 'Taste and Lustre: the artistic significance of the Inquisitor's Palace', in, Kenneth Cassar (ed.) *The Inquisitor's Palace: an architectural gem spanning centuries and styles*, Heritage Malta, 2013, pp.37-39.

[9] K. Cassar, 2013, p.40.

[10] K. Cassar, 2013, p.41.

[11] K. Cassar, 2013, pp.41-44.

[12] K. Cassar, 2013, pp. 37-39.